MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 1141/2000/1

**Rita u zewgha John Spiteri ghal kull interess li jista' jkollu u Carmen u zewgha Mario Spiteri ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Andrew Briffa, Cetta mart Lawrence Cutajar u l-istess Lawrence Cutajar ghal kull interess li jista' jkollu fil-ligi, Carmelo Briffa u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2012 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Carmelo sive Charles Briffa, Fiona Barbara u Tania Kathib u martu Luigia Briffa bhala uzufruttwarja u dan wara l-mewt ta' Carmelo Briffa fil-mori tal-kawza, u martu Giga ghal kull interess li jista' jkollha fil-ligi, Gejtu Briffa u martu Concetta ghal kull interess li jista' jkollha fil-ligi**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tal-5 ta' Gunju 2000 li tghid hekk:

Premess illi l-atturi, ipprestaw u rrendew servigi lid-defunti Carmena u Karmenu konjugi Briffa li mietu fit-13 ta’ April, 1999 u 23 ta’ Jannar, 1996 rispettivament;

U premess illi meta rrendew tali servigi dan ghamluh bl-isperanza u bl-aspettativa ta' hlas;

U premess illi l-konvenuti huma l-werrieta tad-defunti Carmena u Karmenu konjugi Briffa;

U premess illi ghalkemm il-konvenuti kienu mitluba biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas imsemmi, huma baqghu inadempjenti;

U premess illi ghalhekk l-atturi kellhom jaghmlu din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew minn minnhom, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara li l-atturi huma intitolati li jircievu hlas minn ghand il-konvenuti, jew minn minnhom, ghas-servigi u servizzi li rrendiet lill-awturi taghhom kif fuq inghad;

2. Tillikwida l-hlas fuq imsemmi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew minn minnhom, ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet mil-presenti sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti, jew minn minnhon, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li tghid hekk:
Jeccepixxu bir-rispett illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michdua bl-ispejjez kontra l-istess atturi peress illi l-istess talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi l-atturi jew min minnhom irrendew tali servigi u

servizzi lill-Carmela u Carmelo konjugi Briffa kif allegat fic-citazzjoni u li ghalihom ghandhom il-jedd tal-hlas skond il-ligi;

Rat ir-risposta ulterjuri mahlufa tal-konvenuti li tghid hekk:

Illi t-talba tal-atturi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u hadet konjizzjoni tal-kawza fl-istess ismijiet (Citaz 427/02JA) u dan limitatament ghal konsistenza tal-assi tal-konjugi Karmenu u Carmena Briffa u dan skond verbal tal-14 ta' Gunju 2012;

Semghet it-trattazzjoni verbali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2012;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-18 ta' Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula minn zewgt ahwa bniet kontra erba' huthom ohra sabiex jithallsu tas-servigi li pprestaw lil genituri taghhom Carmelo Briffa u Carmela Briffa li mietu fit-23 ta' Jannar 1996 u 13 ta' April 1999 rispettivament. Din il-kawza infethet fil-5 ta' Gunju 2000.

Ghal kompletezza jinghad illi l-atturi fethu kawza ohra kontra l-istess konvenuti ghal legittima mill-wirt tal-genituri taghhom peress illi irrinunzjaw ghal tali wirt filwaqt li jidher mill-atti ta' dik il-kawza (427/02) illi l-konvenuti accettaw l-eredita tal-genituri taghhom.

**Preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti**

L-eccezzjoni li tqajmet hi dik taht l-artikolu 2156(f) tal-kap. 16 cioe dik kwinkwennali u tqajmet mill-konvenuti kollha.

Qabel xejn jinghad li imkien mill-atti ma jidher li xi hadd mill-konvenuti accetta jew irrikonoxxa li l-atturi kellhom xi dritt li jithallsu ghal servizzi li setghu gew prestati mill-atturi

ghax dan jekk ghamluh sar ghax kienu ulied. Gaetano Briffa fil-fatt jixhed li s-subien kienu jghinu lil missierhom fl-ghelieqi u l-bniet ighinu fit-tindif tad-dar. Concetta kategorikament tichad li l-atturi huma dovuti xi haga ghax hi kienet taghmel xoghol ukoll ghal ommha u Rita kienet tghinha, filwaqt li Carmen ftit li xejn ghenet. L-ghajnuna tal-genituri kienet tinghata b'rispett taghhom. Lanqas ma jidher li l-genituri f'hajjithom jew fit-testment unica charta li ghamlu fil-25 ta' Jannar 1983 (ara fol. 5 tal-process 427/02JA) irrikonoxxew xi dritt ta' servigi favur l-atturi jew promessa ta' servigi favurihom. Kwindi ma hemm xejn li jimmerita kontra li tigi investigata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni sollevata.

Fil-kawza **Carmen Briffa vs Jospehine Camilleri** deciza fit-3 ta' Mejju 2012 (JZM) il-Qorti qalet hekk:

L-Art. 2156(f) tal-Kap.16 jaqra hekk –
L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
…

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi talba ghall-hlas ta` servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni tal-hames snin skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16.

Il-gurisprudenza in materja hija kostanti fis-sens illi tghid li hemm lok ghall-preskrizzjoni f`kazi ta` servigi jew prestazzjonijiet ohra, ghalkemm ikun hemm kontinwazzjoni taghhom (ara – Qorti tal-Appell – "**Caruana vs Scicluna et**" – 4 ta` Gunju 1948 – Vol.XXXIII.I.285).

Dwar il-kontinwita` tas-servigi u l-preskrizzjoni, din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-17 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**Pace et vs Agius noe**" (Vol.XXIX.II.515) qalet hekk –

L-azzjoni ghall-hlas ta` servigi u ghar-restituzzjoni ta` spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f`hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B`dan li l-kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-perkors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta` persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta` drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri.

Kif gie rilevat il-genituri tal-kontendenti mietu fl-1996 u 1999 u ma tirrizultax prova konklussiva li matul il-medda ta' snin kien hemm xi accettazzjoni u ghalhekk rinunzja jew almenu interuzzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Provi**

Darba li giet akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jfisser li z-zmien relevanti ghal finijiet ta' provi dwar prestrazzjonijiet li l-atturi ghamlu a favur tal-genituri huma kif gej:

Fir-rigward ta' Carmelo Briffa billi l-kawza inbdiet fil-5 ta' Gunju 2000 iz-zmien relevanti hu 5 ta' Gunju 1995. Billi Carmelo Briffa miet fit-23 ta' Jannar 1996 il-perjodu rilevanti ghal mertu tal-kawza hu ta' circa seba' xhur.

Fir-rigward ta’ Carmela Briffa billi l-kawza inbdiet fil-5 ta’ Gunju 2000 iz-zmien rilevanti wkoll hu 5 ta’ Gunju 1995. Billi Carmela Briffa mietet fit-13 ta’ April 1999 il-perjodu rilevanti ghal mertu tal-kawza hu ta’ circa erba’ snin.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti li ghal finijiet ta’ din il-kawza mhux rilevanti l-prestazzjonijiet li saru mill-atturi qabel il-5 ta’ Gunju 1995.

Mill-provi jirrizulta ghal dak li jirrigwarda Carmelo Briffa illi fl-ahhar xhur qabel miet kien ghamel operazzjoni u kien diehel u hiereg l-isptar. Rita Spiteri tixhed li kienet tiehu hsiebu billi taghtih it-te bl-istraw u tghaddilu l-laham mill-liqudiser, laham li kienet iccahhad lil uliedha minnu u ssajjarlu. Hi bdiet tmur l-isptar ma’ ohtha Carmen biex jiehdu l-missierha ghal vista peress li Concetta waqfet tmur hi ma’ Carmen. Fil-fatt meta missierha kien l-isptar kienet tmur kuljum bejn it-3.00pm u s-7.00pm u titimghu hi. Kienet tmur b’tal-linja. Sahansitra meta kellu bzonn cilindru tal-ossignu tqil kellha tmur ghaliha hi ghax huha Andrew ma riedx imur. Izzid li kienet tqatta’ ’l fil-ghaxijiet ghand missierha u ommha. Wara l-mewt ta’ missierha waqfet tmur ghax huha Andrew kecciha u heddidha bi vjolenza. Hi qatt ma ppretendiet xejn talli kienet iddur bil-genituri pero kienet tiehu pjacir kieku tawha xi haga. Fi zmien hajjet il-genituri gie ppruvat illi Rita kienet taghmel hafna hin id-dar tal-genituri tnaddfilhom u tahsel.

Carmen Spiteri xehdet li kienet tmur kuljum fil-ghodu taghmel is-sodod u tipprepara l-ikel ghal genituri u huha Andrew u tixtrilhom ghall-ikel. Ma kienitx taghmel facendi tad-dar. Gieli pero kienet taghmel xoghol ta’ zebgha fid-dar ghalkemm fl-ahhar waqfet. Kienet tiehu lil missierha ghal visti l-isptar bil-karrozza taghha, tixtrilu l-medicini u tehodlu s-samples ghall-ezami. Ghalkemm ma ppretendietx hlas, kienet tippretendi li ommha tiehu hsiebha, pero meta rat li l-wirt inhataf minn hutha ma ppretendietx li tibqa’ b’xejn. L-aktar li kienet tikkontribwuixxi ghajnuna kienet Rita u Concetta kienet taghti daqqa ta’ id.

Ix-xhud Carmen Seisun ikkonfermat li rat lil Carmen kemm il-darba ghand il-genituri taghha, u li kienet tghidilha li ser tiehu lil missierha l-isptar u fil-fatt darba marret tara lil missier Carmen Sptieri l-isptar u ratha hdejh.

Gaetano Briffa jixhed li Carmen Spiteri lanqas li kienet tigi d-dar filwaqt li Rita kienet tmur issajjar imma kienet tiehu mill-ikel tal-genituri ghaliha u familtha. Gieli pero ra tahsel l-art. Hu kien imur darba kuljum id-dar. Safejn jiftakar ix-xoghol tad-dar kien jinqasam bejn l-ahwa bniet.

Concetta Cutajar qalet li Rita kienet tghinha jnaddfu d-dar tal-genitur u jaghmlu kull ma jkun hemm bzonn filwaqt li Carmen ftit li xejn ghamlet.

Andrew Briffa ikkonferma li Carmen kienet twassal lil missierha l-isptar pero zied li ra f’zewg okkazzjonijiet tiehu affarijiet mid-dar filwaqt li Rita kienet tiehu prodotti tal-ikel bhal bajd u fniek u gbejniet li kien ikollhom meta l-genituri kienu ghadhom hajjin. Qal li Rita u Concetta kienu jmorru jnaddfu d-dar ghalkemm Concetta kienet tikkontribwixxi aktar bhala hasil tal-art u xiri ta’ bzonnijiet. Wara l-mewt tal-missier qam hafna inkwiet u Concetta hadet lil ommhom ghandha u daret biha u anke l-ikel tieghu kienet tippreparalu.

Jirrizulta mill-atti illi xi tlett xhur wara l-mewt ta’ Carmelo Briffa, Concetta Cutajar hadet lil ommha tghix ghandha. Pero ftit qabel il-mewt tal-missier kien gia qam l-inkwiet u Rita ma baqghetx tigi tghinha. F’dak il-perjodu ta’ tlett xhur qabel hadet lil ommha tghix maghha, hi kienet tmur kuljum. L-atturi jikkonfermaw illi meta miet il-missier kienu ghamlu perjodu qasir imorru jorqdu ma’ ommhom pero imbaghad waqfu.

Dak li sehh wara li Carmela Briffa marret ghand Concetta hu irrilevanti ghal kwistjoni ghax l-atturi ma kellhom ebda rwol izjed fil-kuntest ta’ kura tal-omm jew id-dar tal-genituri.

Ghalhekk filwaqt li jirrizulta lil din il-Qorti li Carmen u Rita ipprestaw servigi regolari lil missierhom fil-ftit xhur relevanti ghal kawza qabel il-mewt tieghu u dan in konnessjoni mal-mard tieghu, Rita kienet taghmel xoghol ta’ tindif u hasil id-dar flimkien ma ohtha Concetta bejn Gunju 1995 sakemm miet missierha fit-23 ta’ Jannar 1996 u jista’ jkun ghal xi zmien qasir hafna wara l-mewt tieghu pero Carmen ghamlet hafna anqas xoghol tad-dar milli kienet taghmel ohtha Rita ghalkemm kienet tmur kuljum fil-ghodu tipprepara l-borma u taghmel is-sodod sa ma tasal Rita. Hu minnu illi qam l-inkwiet x’aktarx meta miet il-missier u irrizulta li fit-testment l-unika persuna ppreferuta kien huhom Andrew u li wassal lill-atturi mhix biss li jitolbu s-servigi izda li jirrinunzjaw ghal wirt u jitolbu l-legittima.

In tema legali fil-kawza **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** deciza fil-11 ta’ Dicembru 2003 il-gurisprudenza giet ikkwotata f’dan is-sens:

Hu veru li kien hemm epoka fil-gurisprudenza lokali, li, bejn wiehed u iehor, kien ikopri l-perjodu bejn l-1890 u l-1958, meta l-posizzjoni kienet illi ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkolu tal-konsanguinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma biss inkomoda ruhu personalment, u dan sakemm ma jkunx hemm ukoll cirkostanzi li juru car illi tant mill-parti ta’ min jippresta sservigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta’ kumpens – ara “Farrugia vs Farrugia”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Frar, 1938, u “Mifsud Speranza vs Frendo Randon”, deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Gunju, 1942. F’dan il-perjodu, f’kaz ta’ servigi prestati bejn parenti, s-servigi gew ritenuti prestati “familiaritatis causa” u kwindi l-presunzjoni kienet li ma kienx hemm il-hsieb ta’ kumpens ghas-servigi rezi. Fil-gurisprudenza aktar ricenti, pero`, anke ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta’ kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludelment il-gratuita`, sija pure minhabba relazzjonijiet ta` parentela – ara “Ellul vs Ellul” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta’ Frar, 1980,

"Azzopardi vs Azzopardi", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 1989, u "Attard vs Attard", deciza min din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 1989. L-istess posizzjoni ittiehdet minn din il-Qorti fil-kawza "Gili vs Grixti", deciza fit-3 ta' Ottubru, 1991, meta ntqal li fin-nuqqas ta' cirkostanzi li juru l-kuntrarju, kull servigi ghandu jigi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens, u wkoll fil-kawza "Borg vs Gaffiero", deciza minn din il-Qorti
fit-28 ta' Marzu, 2003.

F'dan il-kaz ma jirrizultax cirkostanzi li jindikaw li l-atturi ma kellhomx hsieb ta' kumpens. Ghalkemm huma pprestaw servigi lil genituri principalment ghax kienu l-ulied bniet u b'sens ta' rispett u dover, valuri li llum naqsu sew fis-socjeta taghna, pero fl-istess waqt il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi kien hemm l-isperanza li kienu ser jigu kompensati fil-wirt, almenu daqs huthom u mhux kif irrizulta prima facie fit-testment tal-genituri.

Il-Qorti tqis li l-atturi ghandhom dritt ghas-servigi li rrendew lil genituri ghalkemm il-Qorti mill-assiem tal-provi tqis li Rita Spiteri ikkontribwiet aktar minn Carmen Spiteri kemm bhala xoghol u hin.

Dwar il-quantum tal-kumpens, din il-Qorti fil-kawza, **Vassallo vs Aquilina**, deciza fid-29 ta' Gunju, 1982, qalet li wiehed ghandu jzomm f'mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta' l-attur mal-konvenut. Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom.

F'dan il-kaz, jidher li s-servigi prestati kienu fil-konfront ta' persuna marida cioe l-missier ghal perjodu rilevanti ta' ftit xhur u ta' persuna cio l-omm ukoll ghal perjodu rilevanti ta' xhur biss li ghalkemm anzjana izda ghadha mhix marida jew debilitata pero fiz-zewg kazijiet b'mod regolari hafna u

li kien jtellfilhom mill-hin taghhom ghal familja immedjata taghhom. Dan qed jinghad ghax il-Qrati taghna ghamlu distinzjoni bejn servigi regolari w irregolari u kif ukoll servigi rezi lil wiehed marid u wiehed f'sahhtu (ara f'dan is-sens **Zammit vs Farrugia Sacco** (28/06/1982) u **Buhagiar noe vs Mifsud noe** (01/12/2003).

Kif ziedet il-Qorti fil-kawza **Catana noe vs Agius** 11/12/2003 inghad hekk:
…minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunjiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Delicata v. Saliba, deciza fit-22 ta' Mejju 1989, hi bazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn isservigi resi u l-hlas relattiv.

Fil-kaz tallum il-prestazzjonijiet kienu rezi minhabba parentela stretta u ghal finijiet ta' din il-kawza fuq perjodu ristrett ta' xhur fil-konfront tal-genituri, u dan anki fil-konfront tal-omm billi kif inghad tlett xhur fuq il-mewt tal-missier marret tghix ma' bintha Concetta u s-servigi waqfu.

Il-Qorti tqis illi l-kwistjoni tal-konsistenza tal-assi tal-genituri f'dan il-kaz partikolari ma ghandhiex tassumi xi rilevanza kbira peress illi fl-ewwel lok l-atturi qed jitolbu s-sehem dovut lilhom mill-wirt tal-genituri taghhom qua legittima ghax ghazlu li jirrununzjaw ghal wirt u fit-tieni lok, il-perjodu rilevanti hu zghir hafna. Li hu importanti f'dan il-kaz fil-fehma tal-Qorti hu illi l-atturi jircievu kumpens li jirrifletti s-sagrificcju li ghamlu bil-prestizzjonijiet verso l-genituri, dejjem bl-attrici Rita tkun preferuta mill-attrici Carmen Spiteri billi fil-fehma tal-Qorti din tal-ahhar prestat anqas servigi.

Il-Qorti wara li hasbet fuq il-kwistjoni tal-kumpens tqis li jkun gust li Rita Spiteri tinghata €1,200 bhala kumpens u l-attrici Carmen Spiteri tinghata €750 bhala kumpens.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri tal-prekrizzjoni tal-konvenuti safejn kompatibbli ma’ dak deciz u tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti fil-mertu u ghalhekk tilqa’ l-ewwel talba attrici; tillikwida l-hlas spettanti lill-atturi bhala servigi resi lil konjugi Carmelo u Carmela Briffa fl-ammont ta’ €1,200 dovut lil Rita Spiteri u €750 dovut lil Carmen Spiteri u tikkundanna lil konvenuti in solidum ihallsu s-somom hekk likwidati lill-atturi, bl-imghax li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez ibatuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------